**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 4 ta' Ottubru, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busutill)**
**(Spettur Paula Ciantar)**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**-vs-**

**Michael Charles Muscat detentur ta' Karta tal-Identita`numru 565644M**

***Kumpilazzjoni Nru. 562/2018***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Michael Charles Muscat u cioe` talli:

> F'dawn il-Gżejjer fl-01 ta' Settembru, 2018, u fix-xhur u snin ta' qabel b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;

1. B'għemil żieni, kkorompa lil DG minuri ta' 13 il-sena meta hu kien tutur ta' l-imsemmi minuri għal xi żmien jew meta l-istess minuri ġie fdat lilu sabiex jieħu ħsieb, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.

2. Fl-istess ċirkostanzi ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta u ċioe' DG minuri ta' 13 il-sena.

3. Fl-istess ċirkostanzi għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issuplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuni ta' taħt l-eta'.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex tħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-Liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll għal familjari tagħhom.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

F'każ ta' ħtija l-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputat bħala reċediv u dan wara li ngħata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jiġu mibdula.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar it-2 ta' Settembru, 2018, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura serjissima tar-reati li dwarhom qed tinstab htija; reati fejn l-innocenza ta' minuri u tfulija sfat sfreggjata rreparabbilment propju minn min kien fdat bit-trobbija tal-istess minuri. L-appressjoni u thassib serju li reati simili jqanqlu mmotivaw il-legislatur sabiex bl-***Att XIII tal-2018*** promulgat ricentemenet, il-pieni ghal dawn it-tip ta' reati fejn tigi vittimizzata l-innocenza ta' minuri semplicement biex tissodisfa xi forma ta' pjacir sesswali ta' adulti, saru ferm aktar severi. Ma tezisti l-ebda skuza jew gustifikazzjoni ghal agir mill-aktar aberranti li jisfrutta l-innocenza ta' tfal jew, jekk mhux l-innocenza taghhom, is-sitwazzjoni ta' spiss meskina u prekarja li ghal raguni jew ohra jkunu spiccaw fiha. Minflok sabu id t'ghajnuna sabu id li b'zina tqeghdet fuq persunthom u tebbathom ghal ghomorhom.

Ittihied konsiderazzjoni ukoll tal-karattru refrattarju tal-imputat fejn dan mhux talli pprova jirrijabilita ruhhu wara li fil-passat nstab hati ta' reati simili, izda ppersista f'din it-triq ta' perverzjoni li tisfida kull sens ta' umanita` w civilta`.

Illi fir-rigward tal-ewwel u t-tieni akkuzi japplika l-principju ta' konkors formali ta' reati.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 203(1)(c), 204C(1)(2)(c) u 208A(1B) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal ghaxar snin prigunerija.

Il-Qorti, wara li rat l-Att dwar Registrazzjoni Ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum fejn il-persuna protetta hija DG.

Kif ukoll ai termini tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin sabiex jinghata l-ghajnuna psikologika necessarja biex jindirizza l-gibdiet sesswali tieghu fil-konfront ta' minuri.

Il-Qorti qed tordna d-**divjiet** tal-publikazzjoni ta' isem il-minuri fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni bil-ghan li tigi protetta l-identita' tal-minuri.

Inoltre` b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil imputat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' €1,238 rapprezentanti spejjez peritali.

Finalment ai termini tal-artikolu 23 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, tordna **l-konfiska** tal-oggetti kollha esebiti inkluz it-tpinggijiet xejn artistici li jinsabu a fol.38 sa 39 (Dok.JB10-JB11).

Il-Qorti tordna li l-atti, flimkien ma kopja ta' din is-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali fi zmien sitt ijiem ta' xoghol.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**

Kommunika: Registratur tal-Qorti